MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 329/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Salvatore Grech**
**Christopher Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Salvatore Grech u Christopher Grech talli:

**Lil Salvatore Grech wahdu**:

(1) Nhar-id 19 ta' Novembru 2002, f'xi hin matul il-gurnata, go Birzebbugia, ikkommetta serq ta' container bin-numru serjali AWSU1961748 kontenenti diversi kaxxi b'xorb alkoholiku u oggetti ohra relatati, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin

(Lm1000) ghad-detriment tal-Kumpanija Paolo Bonnici Ltd;

**Lil Salvatore Grech u Christopher Grech flimkien**:

(2) Nhar-il 21 ta’ Dicembru 2002 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data xjentement b’kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe` kwantita` ta’ fliexken tal-whisky, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

**Lil Salvatore Grech wahdu**:

F’isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-21 ta’ Dicembru 2002 u/jew f’xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ittenta li jahrab id-Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti, u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi ghin jew kellu b’xi mod x’jaqsam filli jigu mwarba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f’Malta fl-10 ta’ Novembru 2002 f’container bin-numru AWSU1961748, kontenenti xorb alkoholiku u materjal ta’ reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita` jew taht is-sorveljanza ta’ dan l-Ufficjal, b’mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista’ jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal-Lm22074.00, Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0; u l-valur tal-materjal ta’ reklamar kien ta’ Lm79.00, Dazju xejn. Il-merkanzija hija soggetta wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

Ukoll talli fil-21 ta’ Dicembru 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond ‘Raymond Garage’ Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa’ ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma

jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozitat jew habi ta' parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe` l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta' Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773, Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0. Ix-xorb alkoholiku huwa soggett ukoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

Ukoll talli fl-istess data u cirkostanza fil-garage fuq imsemmi nstab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08 rispettivament, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

F'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fil-21 ta' Dicembru 2002 u/jew f'xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ittenta li jahrab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuta, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f'Malta fl-10 ta' Novembru 2002 f'container bin-numru AWSU1961748, kontenenti xorb alkoholiku u materjal ta' reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita` jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal-Lm22074.00, Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0; u l-valur tal-materjal ta' reklamar kien ta' Lm79.00, Dazju xejn. Dawn l-oggetti ghandhom valur totali ta' Lm44,024.56 li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur

mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm6,603.68, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

Ukoll talli fil-21 ta' Dicembru 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond 'Raymond Garage' Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozitat jew habi ta' parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe` l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta' Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773, Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0, valur totali ta' Lm22,283.06, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm3,342.46, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

Ukoll talli fl-istess data u cirkostanza fil-garage fuq imsemmi nstab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08 rispettivament, valur totali ta' Lm1,238.08, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm185.71, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

**Lil Christopher Grech wahdu**:

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-21 ta' Dicembru 2002 u/jew f'xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ittenta li jahrab id-Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti, u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarba jew irtirati kontra l-ligi, mill-

Freeport, merkanzija li giet importata f'Malta fl-10 ta' Novembru 2002 f'container bin-numru AWSU1961748, kontenenti xorb alkoholiku u materjal ta' reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita` jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal-Lm22074.00, Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0; u l-valur tal-materjal ta' reklamar kien ta' Lm79.00, Dazju xejn. Il-merkanzija hija soggetta wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

Ukoll talli fil-21 ta' Dicembru 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond 'Raymond Garage' Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozitat jew habi ta' parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe` l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta' Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773, Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0. Ix-xorb alkoholiku huwa soggett ukoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

Ukoll talli fl-istess data u cirkostanza fil-garage fuq imsemmi nstab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08 rispettivament, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

F’isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fil-21 ta’ Dicembru 2002 u/jew f’xi data qabel bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ittenta li jahrab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuta, billi ghin jew kellu b’xi mod x’jaqsam filli jigu mwarba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f’Malta fl-10 ta’ Novembru 2002 f’container bin-numru AWSU1961748, kontenenti xorb alkoholiku u materjal ta’ reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita` jew taht is-sorveljanza ta’ dan l-Ufficjal, b’mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista’ jiehu nota taghhom kif imiss.

Il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal-Lm22074.00, Dazju tas-Sisa dovut Lm21871.56,0; u l-valur tal-materjal ta’ reklamar kien ta’ Lm79.00, Dazju xejn. Dawn l-oggetti ghandhom valur totali ta’ Lm44,024.56 li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm6,603.68, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

Ukoll talli fil-21 ta’ Dicembru 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond ‘Raymond Garage’ Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa’ ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam fil-garr, twarrib, depozitat jew habi ta’ parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe` l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta’ Qbid 2/2003.

Il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal Lm11773, Dazju tas-Sisa dovut Lm10510.06,0, valur totali ta’ Lm22,283.06, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm3,342.46, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

Ukoll talli fl-istess data u cirkostanza fil-garage fuq imsemmi nstab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija.

Il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal Lm239 u Lm999.08 rispettivament, valur totali ta' Lm1,238.08, li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm185.71, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, terz tal-piena ta' flus jitqies bhala dejn civili u jigi dikjarat fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku nghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Salvatore Grech hati tal-akkuza ta' serq, izda sabet kemm lill-imsemmi Salvatore Grech kif ukoll lill-imsemmi Christopher Grech hatja talli (1) fil-21 ta' Dicembru 2002 u fil-gimghat ta' qabel din id-data xjentement b'kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe` kwantita` ta' fliexken tal-whisky, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghom jew imexxuhom u (2) fil-21 ta' Dicembru 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-Ufficjali tal-Pulizija fil-fond 'Raymond Garage' Triq il-Barjol, Mosta, instab li kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' parti mill-konsenja li ghaliha taghmel referenza l-akkuza u cioe` l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa (17) fil-lista annessa man-nota ta' qbid 2/2003 esebita fl-atti li fuqhom ma thallasx id-dazju tas-sisa u t-taxxa fuq il-valur mizjud u, wara li rat l-artikoli 334 u 17 tal-Kap. 9, l-artikoli 60(a)(c)(e)(k);

62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) proviso artikolu 62 tal-Kap. 62, l-artikolu 16(j)(n) u 17(a)(b) Kap. 382 u l-artikolu 80 Kap. 406, ikkundannat lil kull wiehed mill-imputati multa komplessiva ta' sitt elef lira Maltin (Lm6000) li minnhon terz ghandu jitqies bhala dejn civili oltre perijodu ta' prigunerija ta' sitt xhur li izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 gew sospizi ghall-perijodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza sakemm l-imputati ma jaghmlux reat iehor fl-istess perijodu operattiv. Inoltre rriservat li tipprovdi dwar il-konfiska ta' l-oggetti li gew formalment esebiti wara rikors opportun, jekk ikun il-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Salvatore Grech u Christopher Grech ipprezentat fit-28 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lil Salvatore Grech hati ta' l-akkuza ta' serq, thassar u tirrevokaha fil-parti fejn sabithom hatja u tilliberahom minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fl-4 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) fil-konfront ta' Salvatore Grech tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-akkuza ta' serq aggravat u sabitu hati ta' l-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u fejn ikkundannatu ghal perijodu ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn u tirrevokaha f'dik parti fejn ikkundannatu multa komplessiva ta' sitt elef lira Maltin (Lm6000) li minnhom terz ghandu jitqies bhala dejn civili, u minflok tinfliggi multa skond il-ligi; u (2) fil-konfront ta' Christopher Grech tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u fejn kkundannatu ghal perijodu ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa komplessiva ta' sitt elef lira Maltin (Lm6000) li minnhom terz ghandu jitqies bhala dejn civili, u minflok tinfliggi multa skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti Salvatore u Christopher Grech hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi fis-sens illi l-prosekuzzjoni ma ppruvat ebda konnessjoni bejnhom u x-xorb alkoholiku ndikat fin-nota ta’ qbid numru 2/2003 esebita fl-atti.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

In sostenn ta’ l-aggravju taghhom, l-appellanti jaghmlu is-segwenti sottomissjonijiet:

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

"Illi r-refurtiva konsistenti fix-xorb alkoholiku indikat instabet fil-pussess ta' certu Raymond Bugeja, illi l-Ewwel Qorti ddecidiet illi ma kienx xhud kompetenti u ghaldaqstant qatt ma ddepona fil-proceduri odjerni. Illi x-xhud Richard Mallia illi ddepona fl-udjenza tat-tletin (30) ta' Dicembru elfejn u tnejn (2002), b'mod vag u ferm approssimattiv, iddeskriva kif nhar-it tletin (30) ta' Novembru huwa kien ra xi nies, li identifika bhala l-imputati, flimkien ma' Raymond Bugeja, li kienu qed ihottu xi kaxxi ta' kulur abjad u fuq wahda minnhom, li izda ma kenitx ta' kulur abjad *'kellu ideja li osserva li kellhom il-kelma Scotch Whisky'* (fol. 259);

"Illi apparti mill-fatt illi l-istqarrija tax-xhud Mallia ma tikkostitwixxi ebda prova fil-konfront ta' l-esponenti u fl-aghar ipotesi setghet tigi utilizzata biss ghal fini ta' kontroll, stante illi kif jirrizulta mix-xiehda ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia, ix-xorb alkoholiku mertu ta' l-imputazzjonijiet odjerni gie elevat mill-Pulizija mhux anqas minn wiehed u ghoxrin (21) gurnata wara li l-istess Mallia kien allegatament ra lill-esponenti jhottu xi kaxxi minn fuq trakk ghal gol-garaxx ta' Raymond Bugeja. Infatti skond l-Ispettur Jeffrey Cilia, ix-xorb alkoholiku gie elevat nhar-il wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru minn gewwa l-fond 'Raymond Garage', Triq il-Barjoli, Mosta;

"Illi ghaldaqstant tenut kont mhux biss tan-natura arida, xotta u nieqsa ghal kollox minn kull dettal tax-xiehda ta' Richard Mallia, izda wkoll tat-trapass konsiderevoli taz-zmien kemm mid-data ta' meta gie misruq il-*container* kif ukoll bejn meta Mallia ra lill-esponenti jhottu l-merkanzija u meta l-Pulizija elevat l-istess mill-garaxx ta' Bugeja;

"Illi jirrizulta illi x-xoghol ta' l-esponenti huwa dak ta' burdnara u ghaldaqstant ma hemm xejn inkompatibbli jew suspettuz illi huma fl-aghar ipotesi kienu qed ihottu xi merkanzija, liema attivita` tinkwadra perfettament man-natura tax-xoghol taghhom. Illi pero` l-Prosekuzzjoni la permezz tax-xiehda ta' Mallia u lanqas imbaghad permezz ta' provi indizjarji ohra li setghu anke lontanament jikkorroboraw ix-xiehda ta' Mallia, ma ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi dak li kien qed jinhatt f'dik il-gurnata kien

xorb alkoholiku, *multo magis* li kien l-istess xorb alkoholiku ndikat fin-Nota ta’ Qbid esebita u mertu ta’ dawn il-proceduri;

“Illi ulterjorment l-istess xhud Mallia meta ddepona la ddeskriva u lanqas gie mitlub forsi jidentifika l-kaxxi li kien ra f’dik il-gurnata;

“Illi ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomettu illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvat ebda ness fattwali bejn l-esponenti u x-xorb alkoholiku mertu tal-proceduri u ghaldaqstant l-imputazzjonijiet ma gewx sodisfacentement pruvati skond il-ligi.”

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha u ssib li l-appellanti konvenjentement insew ghal kollox ix-xiehda ta’ Christopher Drago fejn anke kkonferma l-kontenut ta’ l-istqarrija li ghamel lill-Pulizija. Dan xehed li kien jaf kemm lill-appellanti peress illi bhala burdnara gieli rrilizjawlu x-xoghol, kif ukoll lil Raymond Bugeja li ghandu nstab whisky li kien f’container li “ghosfor” mill-Freeport. Drago jghid kif darba Raymond Bugeja kien saqsieh jafx xi agent li jbiegh ix-xorb halli hu (Bugeja) jaqla’ xi haga f’dawk iz-zminijiet tal-Milied. F’okkazjoni minnhom l-appellant Salvatore Grech kien hadlu xi merkanzija lil Drago u saqsa lil Drago jekk kienx jaf lil xi hadd li jinteressah ix-xorb ghax kellu agent li kien maqbud bix-xoghol. Darba fil-gurnata tas-Sibt, filghodu, filwaqt illi l-appellant imsemmi kien fil-hanut ta’ Drago, dahal Raymond Bugeja u Drago qallu biex ikellem lil dan Salvatore Grech. Drago jghid li qallhom biex johorgu jiftehmu barra l-hanut izda sema’ lill-appellant Salvatore Grech jghid lil Raymond Bugeja “xis-sitta niltaqghu” u sema’ wkoll lil dan l-appellant isemmi l-prezz ta’ Lm4. Skond Drago, Raymond Bugeja rega’ dahal fil-hanut u qallu “nahseb irrangajna”. Christopher Drago ghamel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija fil-25 ta’ Dicembru 2002 u qal li Raymond Bugeja kien saqsieh jafx lil xi agent xi erba’ gimghat qabel. L-inkontru fil-hanut ma’ l-appellant Salvatore Grech sar xi gimgha/gimgha u nofs wara.

Mix-xiehda ta’ Richard Mallia, li hu wkoll ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija, jirrizulta li hu ghandu garaxx biswit garaxx ta’ l-imsemmi Raymond Bugeja. Jghid li s-Sibt 30 ta’ Novembru 2002 mar il-garaxx tieghu ghall-habta ta’ xil-5.15 p.m. biex johrog il-kelba. Osserva vann maghluq u tliet persuni. Kien hemm ukoll vann bil-kaxxa celesti. Wiehed minnhom beda jipprova jnizzel il-vann fir-rampa tal-garaxx ta’ Raymond Bugeja izda ma rnexxilux. Imbaghad bdew ihottu xi xoghol li kien jikkonsisti f’xi kaxxi. Volontarjament saqsiehom ridux xi ghajnuna u qabad kaxxa u dahhalha gewwa l-garaxx ta’ Raymond Bugeja. Kif ghamel hekk, wiehed minnhom qallu jhallihom ghax iwegga’ u allura mar lura l-garaxx tieghu. Il-kaxxa li nizzel hu kien fiha fliexken mimlija. Fuq wahda mill-kaxxi osserva l-kliem *scotch whisky*. Huwa identifika lill-appellanti bhala tnejn minn dawk il-persuni li kienu ma’ Raymond Bugeja. Jidher li l-hatt dam xi ftit peress illi ezatt qabel ma telaq ghall-quddiesa tas-sitta, Drago jghid li kien wiehed minn dawk li taw imbuttatura lit-trakk li kien wehel mar-rampa.

Meta wiehed jipparaguna dak li xehed Christopher Drago u dak li xehed Richard Mallia huwa evidenti li filghodu tat-30 ta’ Novembru 2002 sar ftehim bejn l-appellant Salvatore Grech u Raymond Bugeja li gie esegwit filghaxija ta’ l-istess gurnata. Christopher Drago kien xhud tal-ftehim u Richard Mallia ta’ l-esekuzzjoni ta’ dak il-ftehim.

Fil-21 ta’ Dicembru 2002 saret tfittxija mill-Pulizija fil-garaxx ta’ Raymond Bugeja u hemm instabet kwantita` kbira ta’ *whisky*. Irrizulta li dan il-*whisky* kien provenjenti minn *container* li kien insteraq jew li “ghosfor” mill-Freeport.

Dawn il-provi huma sufficjenti biex jikkollegaw lill-appellanti max-xorb misruq. Il-prezz miftiehem juri kjarament provenjenza illecita. It-trapass taz-zmien ma kienx tali li wiehed jista’ jikkonfondi l-konsenja li ghamlu l-appellanti ma’ xi konsenja ohra. Kien hemm kwantita` kbira ta’ xorb u mhux la kemm tohorgu fic-cirkolazzjoni f’salt. Raymond Bugeja ma kienx fin-negozju tax-xorb izda

kien suldat fil-forzi armati u Christopher Drago xehed li kien jafu bhala persuna li tbiegh il-karawett. Aktar u aktar mela si spjega kif kien ghad baqa' kwantita` kbira ta' xorb fil-garaxx tieghu.

Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament legalment u ragjonevolment korrett tal-provi migjuba u l-aggravju ta' l-appellanti hu b'hekk michud.

Dwar il-piena l-Avukat Generali jirritjeni illi l-multa komplessiva kellha tkun oghla minn dik imposta mill-ewwel Qorti. L-Avukat Generali jghid li huwa nkontestat "illi l-appellati nstabu hatja ta' reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Bizzejjed jinghad li skond l-artikolu 62 ta' l-imsemmija Ordinanza, il-multa applikabbli kienet ta' tliet darbiet l-ammont ta' dazju li kellu jithallas fuq l-oggetti, u cioe` Lm10,510.06 ghal tliet darbiet. Ghalhekk jidher li s-somma ta' sitt elef lira hija taht il-*minimum* impost mil-ligi."

L-ewwelnett jigi osservat illi dazju taht il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-merkanzija in kwistjoni ma kienx hemm. Dak li kien hemm kien dazju tas-sisa skond il-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa, fiz-zmien relattiv ghal dan il-kaz, il-piena applikabbli kienet multa ta' mhux aktar minn hamest elef lira Maltin (Lm5,000)". Kien biss bl-Att I tas-sena 2010 li l-artikolu 16 tal-Kap. 382 gie emendat biex issa " min jinstab hati li evada, jew li pprova jevadi d-dazju tas-sisa ghandu jehel multa ta' mhux inqas minn tliet darbiet id-dazju tas-sisa fuq dawn l-oggetti dazjabbli, liema multa tista' taqbez il-hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000)."

Barra minn hekk, l-artikolu 80 tal-Kap. 406 kien jipprovdi ghal piena ta' multa ekwivalenti ghat-total tat-taxxa tal-VAT pagabbli fuq l-oggetti u d-doppju tal-valur ta' dawk l-oggetti jew ghal multa ta' Lm25, skond liema hi l-oghla, <u>jew</u> prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn, <u>jew</u> ghal dawk il-multi u prigunerija flimkien. Jigifieri ghall-ksur tal-ligi tal-VAT l-ewwel Qorti kellha l-opzjoni li jew timponi multa, jew prigunerija jew multa u prigunerija

flimkien. Il-pozizzjoni llum tidher aktar vantagguza in kwantu jirrigwarda l-massimu tal-multa applikabbli peress illi l-multa ghandha issa tkun ekwivalenti ghal tliet darbiet it-taxxa li jkollha tithallas jew multa ta' tliet mija u hamsin euro (€350), skond liema tkun l-akbar. Pero` xorta hemm l-opzjoni ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew ghall-multa u prigunerija flimkien.

Issa, in kwantu l-Avukat Generali qieghed jitlob zieda fil-multa a bazi tal-Kap. 37, din it-talba ma tistax tigi milqugha. Ghal dak li jirrigwarda l-Kap. 406 l-ewwel Qorti kellha l-opzjoni li timponi sentenza ta' prigunerija, u s-sentenza ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-fatt fil-parametri tal-piena preskritta mil-ligi. Dwar il-ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 382 u ta' l-artikolu 334(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri applikabbli ghall-ksur kemm tal-provvedimenti tal-Kap. 382 kif ukoll ta' l-artikolu 334(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali ma jimmeritax akkoljiment. Lanqas ma hemm xi raguni sabiex din il-Qorti b'xi mod tnaqqas il-*quantum* tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-Avukat Generali, tichad ukoll l-appell ta' Salvatore Grech u Christopher Grech, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellanti bi kliem car ir-responsabbilta` taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huma jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------